MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 209/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**John Sant (K.I. 198469M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' hames mija u hmistax-il ewro u disgha u erbghin ewro centezmu (€515.49) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skont *Contract Number* 1019665 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali tat-31 ta' Ottubru 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-Att, dawk tal-ittra ufficjali lill-banek relattiva ghall-imsemmija mandat u bl-imghax sad-data tal-

pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentatx ir-risposta ghalkemm debitament notifikat izda deher ghas-seduta tat-12 ta’ Marzu, 2010 fejn ammetta t-talba izda esprima x-xewqa illi jhallas il-kont ratejalment.

It-Tribunal spjega lill-konvenut li dwar il-metodu tal-hlas kellu jirranga privatament mas-socjeta’ attrici u ma kienx il-kompitu tat-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------